Qorti tal-Appell
(Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 7/2015AE

**Saviour Darmanin**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali**

L-Erbgha, 2 ta' Dicembru 2015.

Permezz ta' rikors prezentat fil-21 ta' Jannar 2015 id-Direttur Generali tas-Sigurta Socjal appella mid-decizjoni tal-arbitru tas-16 ta' Dicembru 2014 fejn inghad:

*"L-Arbitru wara li sema' lix-xhieda u l-ispjegazzjoni moghtija hu tal-fehma li l-appellant nefaq l-ammont imsemmi mid-Dipartiment biex ikun jista' jlesti l-fond. Ghalhekk jidher li t-talba ta' Saviour Darmanin kienet gustifikata u ghalhekk dan l-appell ghandu jigi milqugh"*.

Mill-atti jirrizulta li:-

i. L-appellat kien biegh fond ghall-prezz ta' €170,000;
ii. Wara kien xtara fond bil-prezz ta' €116,000 fi stat ta' gebel u saqaf;
iii. Id-Dipartiment kien qieghed isostni li gialadarba kien baqghalu bilanc ta' €54,000, ma kienx intitolat li jircievi Ghajnuna tal-Mard;
iv. L-appellat isostni li dawk il-flus nefaqhom;

L-aggravji tal-appellant hu li l-Arbitru ghamel apprezzament hazin tal-ligi u tal-provi. L-appellant spjega li l-appellat naqas milli jipprezenta ricevuti li jaghtu prova kif nefaq il-flus kollha li semma'. Kompla jzied: *"Huwa l-arbitru stess waqt seduta minnhom li talbu ghal din il-prova diversi drabi izda mix-xhieda naraw kemm l-appellat ipprova jevita li jwiegeb u wiegeb biss permezz ta' skuzi. Konsegwentement l-appellat ma gab ebda prova konkreta li turi li almenu l-appellat verament kellu jonfoq dawn il-flus ghall-affarijiet essenzjali u li gie dahru mal-hajt u ma setax jaghmel mod iehor"*.

Madankollu dak li qieghed jippretendi l-appellant hu li l-qorti taghmel mill-gdid apprezzament tal-fatti li tressqu quddiem l-Arbitru. Jirrizulta li f'dak l-istadju kien xehed Saviour Darmanin, il-persuna li bniet il-fond li xtara l-appellat. Ix-xhud ikkonferma li biegh il-fond lill-appellat meta kien ghadu gebel u saqaf, bl-eccezzjoni tal-pajpijiet tal-elettriku. Hu evidenti wkoll li l-Arbitru kien sodisfatt li sabiex l-appellat lesta l-fond u arredah kien nefaq mir-rikavat tal-bejgh, u li l-kapital li fadallu ma kienx jeccedi s-somma ta' €14,000. 'Il fatt li l-

appellat ma pprezentax ricevuti tal-ispejjez ma jfissirx li gideb. Hu minnu li l-Arbitru talab lill-appellat sabiex jipprezenta ricevuti tal-ispejjez u baqghu ma gewx prezentati. Madankollu l-qorti ma tarax li ghandha twarrab l-apprezzament tal-provi li ghamel l-Arbitru ghar-raguni biss li ma gewx prezentati ricevuti. Sabiex l-Arbitru ddecieda kif iddecieda bilfors li kien moralment konvint li l-appellat qal il-verita. Fil-fatt fl-ewwel seduta l-Arbitru talab li jingieb bhala xhud il-persuna li min ghandha xtara l-fond, u dan wara li l-appellat qal li xtara fond gebel u saqaf. Fil-fatt ix-xhud, John Bonavia, ikkonferma li l-fond bieghu lill-appellat fi stat ta' gebel u saqaf. Fattur li probabilment l-Arbitru ha in konsiderazzjoni meta gie biex jiddeciedi jekk l-appellat kienx qal il-verita'. Ghalhekk dan hu xhud li kkorabora l-verzjoni li kien ta l-appellat.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell tad-Direttur bl-ispejjez kontra tieghu**.

Anthony Ellul.